

# Tibdil f'Ritwali tal-Knisja

**minn Harry Zammit Cordina**
*President Onorarju, Għaqda Mużikali San Ġużepp*

Meta llum ilħaqt l-età ta' l-irtirar u anke aktar, kultant noqgħod inħares lura jew niftakar fl-imgħoddi biex nara kemm tbiddlu ż-żminijiet. It-tfulija u l-adoloxxenza tiegħi għaddejthom midħla sew tal-parroċċa ta' San Gejtanu. U dan bir-raġun għax minn barra li konna noqogħdu ftit bibien 'il fuq mill-knisja, kellna z-ziju Dun Nerik Cordina Perez il-kappillan tal-Ħamrun.

Allura ma jistax jonqos li ħafna mill-memorji tiegħi ma jitrattawx dak il-perjodu li matulu kont abbati u anke kont nagħmel sehem mill-i*scuola cantorum* li kien imexxi l-istess Kappillan Cordina Perez. Aktar tard din l-i*scuola cantorum* ma kienx baqa' lok għaliha peress li kien twaqqaf il-kor tal-Ħamrun mill-mibki Dun Ġużepp Cachia.

Illum xtaqt nitratta żewġ ritwali jew użanzi tal-Knisja – dak tat-tberik u tal-funerali.

## It-Tberik

Illum mhix xi ħaġa rari tkun għaddej bil-mixi f'xi triq jew bil-karozza u fil-jiem ta' wara l-Għid, tara saċerdot, liebes l-ispellizza, b'*asperges* żgħir f'idejh dieħel jew ħiereġ minn dar għal oħra. Fl-imgħoddi t-tberik kellu xejra oħra. Is-saċerdot kien ikun akkumpanjat minn abbati bis-satla f'idejh u kif jidħol fid-dar, bl-*asperges* mgħaddsa sew fl-ilma imbierek, kien iroxx l-ilma f'kull kamra li kien jidħol fiha, dejjem akkumpanjat mill-abbati. Jistenna barra kien ikun hemm is-sagristan, b'kitla kbira mimlija ilma mbierek. Dan kien iservi biex meta jispiċċa l-ilma tas-satla, din terġa' timtela.



*Il-Kappillan dieħel ibierek dar f'Malta.*

Wara li tkun tbierket id-dar u l-familja, normalment is-saċerdot kien

jingħata f'idejh xi ħaġa tal-flus. Din l-użanza għadha sseħħ ukoll illum. Kienu jintefgħu wkoll xi muniti fis-satla li jkun iġorr l-abbati u anke kienet tingħata xi ħaġa żgħira tal-flus lis-sagristan wara li dan ikun mela xi tazza ilma mbierek mill-kitla lil dik il-familja li tkun għadha kemm bierket.

Il-flus fis-satla kienu jinqassmu bejn l-abbatini kollha wara li jkun spiċċa t-tberik kollu. Mhux l-ewwel darba li s-saċerdot ma kien jingħata xejn u dik l-offerta tal-familja kienet tinxteħet fis-satla. Fiż-żmien meta pajjiżna kien għadu kemm ħareġ mill-għaks tal-gwerra, ta' tfal li konna, l-ewwel ħaġa li konna neżaminaw hekk kif nidħlu f'dar kien ikun jekk dik il-familja kinitx se toffrilna xi gallettina jew xi biċċa *cake*. Waħda nieklu u l-oħra għal ġol-but kbir li kien ikollna mdendel ma' qaddna taħt is-suttana. Il-gost tagħna kien ikun kif immorru lura d-dar u naqsmu dak li kellna fil-but ma' ħutna.

Il-problemi fil-familja ma jonqsux u żmien it-tberik kien ikun opportun li xi mara tiftaħ qalbha mas-saċerdot dwar xi problema jew problemi li tkun qed tiffaċċja. Uħud kienu jkunu diskreti dwar dak li jgħidu minħabba l-preżenza ta' l-abbati iżda oħrajn kienu jitkellmu bil-miftuħ, għalkemm aħna ta' tfal li konna, qajla konna nagħtu każ ta' dak li jkun qed jingħad għax moħħna kien ikun aktar lejn dak li kienu se joffrulna jew jekk il-gallettini kienux bil-krema jew *plain*.

Illum, la fadal abbati, la sagristan, la ħafna traxxix ta' l-ilma mbierek u lanqas it-tberik ta' kull kamra u kull rokna tad-dar. Wieħed jifhem li llum it-tberik isir aħjar għax is-saċerdot ikun waħdu u dak li jkun jista' liberalment jiftaħ qalbu mas-saċerdot dwar xi problema li jkollu.

## Il-Funerali



Issa ilna għal numru kbir ta' snin li meta tisma' jew taqra dwar il-mewt ta' xi ħadd issib li se jkun hemm quddiesa *presente cadavere* f'ċertu ħin u f'ċerta knisja li normalment tkun fejn għex l-individwu li jkun għadu kemm miet. Dari kien isir xort'oħra għax mhux f'kull mewt kienet issir quddiesa, anzi nistgħu ngħidu li dawn kienu jkunu ftit.

Dak iż-żmien li qed nitkellmu dwaru, is-saċerdot akkumpanjat minn żewġ abbatini, wieħed iżomm is-salib u l-ieħor bis-satla, kien jirkeb il-karozzella





minn ħdejn il-knisja li kienet tieħdu lejn id-dar tal-mejjet jew lejn il-kamra mortwarja ta' l-isptar jekk il-mewt tkun saret hemm. Jistenna hemm, kien ikun hemm karru tal-mejtin. Wara xi talb u traxxix ta' l-ilma mbierek fuq it-tebut, is-saċerdot u l-abbatini kienu joħorġu biex warajhom jinġarr it-tebut u jitqiegħed fil-karru li kien ikollu żewġ żwiemel, l-istess bħall-karozzella tas-saċerdot.

Il-kuċċiera kienu jilbsu ilbies iswed bi speċi ta' tomna b'terħa sewda magħha nieżla għal wara l-għonq. Iż-żwiemel ukoll kien ikollhom xi pjuma sewda u faldrabba nieżla fuq kull naħa. Wara kienu jakkumpanjaw il-familjari b'vetturi mikrija apposta għall-funeral li kien jibqa' sejjer lejn iċ-ċimiterju għad-difna. F'xi każi, fejn il-familja kienet tiflaħ tħallas aktar il-karru tal-mejjet kien ikollu erba' żwiemel minflok tnejn.

Dawk li kienu jittieħdu l-knisja, il-quddiesa ġeneralment kienet tkun tat-8.00am jew tad-9.00am. Minn fuq l-orgni kienu jinstemgħu żewġ vuċijiet (wieħed minnhom konna ngħidulu Toni l-Għawdxi), u dawn kienu jkunu akkumpanjati fuq l-orgni mis-Surmast Formosa. Għall-quddiesa tal-mejtin kien jintrama t-tubru. Kien ikun hemm erba' xemgħat ta' lewn skur fuq kandlieri suwed. Bejn iż-żewġ xemgħat ta' wara u t-tnejn ta' quddiem kien ikun hemm speċi ta' pjattaforma għolja, miksija b'faldrabba sewda u fuqha kien ikun hemm speċi ta' kwadru b'ras ta' mewt fuqu u xi żewġ għadmiet imsallbin taħt. Kull fejn tħares u kull ma tara kien jirrifletti d-dwejjaq li tnissel il-firda f'dawk li jkunu tilfu lil xi ħadd.

Għalkemm il-firda llum xorta waħda tinħass, madankollu t-tibdil li sar mill-Knisja jirrifletti mentalità li tħares lejn il-mewt b'xorta oħra.

Forsi dan ta' l-aħħar ma kienx suġġett għall-ktejjeb li jinħareġ għall-festa ta' San Gejtanu. Jekk permezz tiegħu nissilt xi dieqa lil xi ħadd, jiddispjaċini. Jekk le, nawgura lill-qarrej festa mill-isbaħ, festa li għandha tkun ta' armonija bejnietna l-Ħamruniżi kollha.